# Beijing+20: Il-Pjattaforma ta' Azzjoni (BPfA) u l-Unjoni Ewropea

## Qasam J: In-Nisa u l-Midja

## Il-Kuntest tal-Politika

Il-midja għandha rwol vitali fl-iffurmar tal-opinjonijiet, l-attitudnijiet u l-preġudizzji ta' soċjetà partikolari. In-nisa huma produtturi u konsumaturi, kif ukoll parti mill-kontenut tal-midja. Il-kontenut tal-midja mhux dejjem huwa 'sensittiv għall-kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi', u jista' jagħti immaġni degradanti tan-nisa u jipperpetwa rwoli, sterjotipi u normi relatati mas-sess. Iż-żieda tat-teknoloġija diġitali u forom ġodda ta' komunikazzjoni kkumplikat iżjed ir-relazzjoni bejn ir-rwoli tan-nisa fil-midja u l-mod kif il-produtturi, il-konsumaturi u l-kontenut jirrelataw magħhom. Il-forom tradizzjonali tal-midja qegħdin jiġu kkonsmati b'mod differenti, u jinkludu mezzi ġodda biex wieħed jaġixxi abbażi tar-rispons tal-pubbliku.

### Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropa (Ġunju 2013)

- Jimmarkaw żvilupp sinifikanti f'dan il-qasam.
- Jappellaw għal iżjed inizjattivi volontarji mill-organizzazzjonijiet tal-midja biex javvanzaw l-ugwaljanza bejn is-sessi.
- Jissuġġerixxu l-implimentazzjoni ta', pereżempju, prattiki ta' reklutaġġ ibbażati fuq kriterji "ċari, trasparenti u fformulati b'mod newtrali", "kultura organizzattiva favorevoli għall-ħaddiema", politiki li jippermettu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja u maniġment sensittiv għall-kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi

### Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva (2010/13/UE)

- Ipprojbixxiet l-inċitament għall-mibegħda għal raġunijiet ta' razza, sess, reliġjon u nazzjonalità.
- Appellat lill-Istati Membri jiżguraw mezzi xierqa sabiex is-servizzi tal-midja awdjoviżiva mill-fornituri tal-midja taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom ma jkunx fihom xi waħda minn dawk imsemmijin hawn fuq.

### Inizjattivi tal-UE li jisfidaw id-diskriminazzjoni u l-isterjotipi skont is-sess fil-midja

- Ir-rapport tal-Kumitat FEMM (tal-Parlament Ewropew) dwar l-eliminazzjoni tal-istereotipi bbażati fuq is-sess fl-UE.
- L-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Opportunitajiet Ugwali għan-Nisa u għall-Irġiel (tal-Kummissjoni Ewropea) dwar it-tkissir tal-isterjotipi bbażati fuq is-sess fil-midja.
- Il-qafas ta' azzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u s-sett ta' għodda dwar prattiki tajbin li jikkonċernaw azzjonijiet għall-ugwaljanza bejn is-sessi fil-korpi tal-midja awdjoviżiva tal-Kumitat għad-Djalogu Settorjali tal-UE (tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew).

## L-objettivi strateġiċi tal-BPfA u l-indikaturi tal-UE

**J.1.** Li jiżdiedu l-parteċipazzjoni u l-aċċess tan-nisa għall-espressjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-midja u t-teknoloġiji l-ġodda ta' komunikazzjoni u permezz tagħhom.

**J.2.** Li tiġi promossa rappreżentazzjoni bilanċjata u mhux sterjotipata tan-nisa fil-midja.

Matul il-Presidenza Irlandiża tal-Kunsill tal-UE fl-2013, ġew approvati indikaturi li jivvalutaw is-sehem tan-nisa u tal-irġiel fil-pożizzjonijiet u l-bordijiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet, kif ukoll indikatur li jevalwa l-politiki li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-organizzazzjonijiet tal-midja. Fis-sajf tal-2012, inġabret dejta komparabbli minn madwar l-UE, dwar ir-rappreżentazzjoni tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-organizzazzjonijiet tal-midja pubbliċi u privati. L-istudju ma indirizzax il-qasam ferm iżjed kumpless tal-impatt potenzjali tal-parteċipazzjoni tan-nisa f'karigi ta' kontroll editorjali fuq il-kontenut tal-midja sensittiv għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi.

Il-bażi tad-dejta "Women and men in the EU — facts and figures" ("In-nisa u l-irġiel fl-UE — fatti u figuri") żviluppata mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tagħti l-aktar dejta u informazzjoni reċenti dwar dawn l-indikaturi, disponibbli fuq: http://eige.europa.eu/content /women-and-men-in-the-eu-facts-and-figures

## Is-sejbiet mid-dejta minn madwar l-UE

### In-nisa huma sottorappreżentati fil-maniġment tal-organizzazzjonijiet tal-midja

Matul żewġ deċennji, l-impjieg tan-nisa fis-settur tal-midja żdied, u laħaq kważi nofs (44 %) il-forza tax-xogħol fis-settur tal-midja sal-2011. Fil-livell tal-UE, in-nisa kienu jirrappreżentaw l-akbar grupp (68 %) tal-gradwati fil-korsijiet tal-ġurnaliżmu u tal-informazzjoni fl-2011.

Fl-istess ħin, in-nisa fl-organizzazzjonijiet tal-midja jokkupaw karigi li jeżerċitaw influwenza limitata fuq il-kontenut u l-istrateġija tal-organizzazzjoni. Madwar l-UE kollha, ftit nisa (32 %) jokkupaw l-ogħla karigi fl-organizzazzjonijiet tal-midja. L-effett tas-'saqaf tal-ħġieġ' jirrifletti t-tnaqqis fis-sehem tan-nisa f'konformità mal-livell ta' sinjorità tal-kariga: in-nisa kienu jammontaw għal 21 % tal-Uffiċjali Kapijiet Operattivi tal-UE u 16 % tal-Uffiċjali Kapijiet Eżekuttivi. Il-grupp ta' impjieg f'dan il-livell huwa relattivament żgħir iżda n-nuqqas ta' nisa huwa raġuni għal tħassib, minħabba li dawn ir-rwoli huma tipikament dawk li għandhom l-akbar influwenza fuq l-istrateġija u l-kontenut tal-midja.

Ir-rappreżentazzjoni tan-nisa fl-organizzazzjonijiet tal-midja privati u pubbliċi tvarja: filwaqt li globalment fl-2012 in-nisa kienu jammontaw għal 35 % tal-pożizzjonijiet tal-maniġment tal-korpi tal-midja pubbliċi, il-figura kienet ta' 29 % għall-organizzazzjonijiet tal-midja privati.

### In-nisa huma sottorappreżentati fuq il-bordijiet tal-organizzazzjonijiet tal-midja fl-UE

Ir-rappreżentazzjoni tan-nisa fuq il-bordijiet tal-organizzazzjonijiet tal-midja tal-UE kienet ta' 26 % fl-2012, ftit anqas mill-figura għar-rappreżentazzjoni fl-ogħla karigi tal-maniġment (33 %). Bħala medja, 29 % tal-membri tal-bordijiet tal-midja pubbliċi kienu nisa, meta mqabbla ma' 22 % fil-bordijiet tal-organizzazzjonijiet tal-midja privati.

### Is-segregazzjoni orizzontali u vertikali tas-sessi hija mifruxa fl-organizzazzjonijiet tal-midja

Skont l-istudju li twettaq mill-Fondazzjoni Internazzjonali tal-Midja tan-Nisa fl-2011, is-sottorappreżentazzjoni tal-ġurnalisti nisa f'ċerti oqsma hija sinifikanti, pereżempju fil-karigi ta' tmexxija, produzzjoni u disinn, u dawk tekniċi. Fl-istess ħin, din is-sottorappreżentazzjoni tinsab f'kuntrast mas-sovrarappreżentazzjoni tan-nisa f'oqsma oħra tal-midja. Eżempju ieħor tas-segregazzjoni tas-sessi fil-midja huwa l-prestiġju ġeneralment akbar mogħti lill-midja fejn jiddominaw l-irġiel, pereżempju lill-broadsheets tal-gazzetti mqabbla mar-rivisti, fejn in-nisa għandhom rappreżentazzjoni aktar qawwija.

### Politiki u miżuri jistgħu jsaħħu l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-organizzazzjonijiet tal-midja

Ir-raġunijiet għall-konċentrazzjoni tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' awtorità inferjuri fl-organizzazzjonijiet huma kumplessi — mhux biss għall-midja iżda anki għall-isferi politiċi, ekonomiċi u oħrajn. Fl-2012, kienet biss minoranza żgħira tal-organizzazzjonijiet tal-midja riċerkati (36%) li kellhom politiki dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u opportunitajiet indaqs, jew miżuri prattiċi għall-avvanz tal-ugwaljanza bejn is-sessi bħall-istabbiliment ta' politiki u monitoraġġ tal-ugwaljanza. Kwart minnhom kellhom politika jew kodiċi ta' kondotta dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, u waħda minn kull ħamsa kienet adottat politika ta' opportunitajiet indaqs u diversità. Ftit organizzazzjonijiet tal-midja rrappurtaw li għandhom mekkaniżmi biex jimplimentaw u jissorveljaw l-impenji dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi.

L-organizzazzonijiet tal-midja fl-UE għandhom anqas probabbiltà li jkunu adottaw miżuri prattiċi biex javvanzaw l-ugwaljanza bejn is-sessi (33 %) milli jkunu adottaw

**IL-PERĊENTWALI TA' NISA F'POŻIZZJONIJIET TA' TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET JEKK IKUNU JEŻISTU POLITIKI DIFFERENTI DWAR L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI, 2012**




*Sors:* EIGE, L-avvanzar tal-ugwaljanza bejn is-sessi fit-teħid ta' deċiżjonijiet fl-organizzazzjonijiet tal-midja, 2013.

kodiċi tal-kondotta u mekkaniżmi ta' monitoraġġ ġenerali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi (36 %). Il-proporzjonijiet irrapportati, fejn ikunu ttieħdu 'passi iżjed prattiċi', kienu (f'ordni dixxendenti): politika dwar il-fastidju sesswali — 23 %; politika dwar id-dinjità fuq ix-xogħol — 18 %; politika dwar il-leave tal-maternità — 17 %; politika dwar il-leave tal-paternità — 16 %; taħriġ ta' sensibilizzazzjoni dwar l-ugwaljanza għall-persunal — 8 %; taħriġ fit-tmexxija għan-nisa — 6 %; konsulenti dwar il-fastidju — 4 %; u pożizzjonijiet ta' apprendisti għan-nisa. Il-miżuri jidhru li kienu marbutin sew ma' sehem akbar ta' nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi (tal-livell 1) u fuq il-bordijiet tal-midja.

L-eżistenza ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-miżuri fl-organizzazzjonijiet tal-midja tista' tkun ta' benefiċċju għall-avvanzar tan-nisa f'karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Dawk l-organizzazzjonijiet tal-midja li implimentaw politiki jew miżuri dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-prattika kellhom aktar probabbiltà li jkollhom proporzjon ogħla ta' nisa f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet strateġiċi.

### L-NGOs u s-sħab soċjali, f'kooperazzjoni mal-gvernijiet, jaħdmu għall-avvanz tan-nisa għall-ogħla karigi fil-midja

L-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili, b'mod speċjali l-organizzazzjonijiet tan-nisa, ilhom jappoġġaw b'mod attiv il-progress tan-nisa fl-impjieg inkluż fil-midja. Ħafna trejdjunjins tal-midja għandhom uffiċjali jew kunsilli dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza jew b'mod partikolari kwistjonijiet tan-nisa. Hemm ukoll unjonijiet speċifikament għall-professjonisti tal-midja nisa, bħall-Assoċjazzjoni Rumena tal-Ġurnalisti Nisa u l-"Women in Film and Television" tar-Renju Unit. Barra minn hekk, hemm firxa ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili oħra li jaħdmu fil-qasam tan-nisa u l-midja. Il-Lobby Ewropea tan-Nisa tissorvelja politiki dwar in-nisa u l-midja, timpenja ruħha fit-taħriġ għall-ġurnalisti u għandha rwol fil-ġbir ta' dejta minn madwar l-UE dwar l-isterjotipi tas-sessi, is-sessiżmu u l-vjolenza fil-midja.

## Sejbiet mill-ħidma tal-EIGE dwar prattika tajba

### Pjan għall-Ugwaljazna bejn is-Sessi, ORF (Österreichischer Rundfunk, Il-Korporazzjoni Awstrijaka għax-Xandir), l-Awstrija

Fl-2011, ix-xandar nazzjonali tal-Awstrija, ORF, investiga l-pożizzjoni tan-nisa fl-organizzazzjoni tiegħu u sab żbilanċ bejn is-sessi mifrux sew. Filwaqt li n-nisa jiffurmaw 42 % tal-impjegati tiegħu, dawn huma kkonċentrati fit-tħejjija tal-programmi iktar milli f'pożizzjonijiet tekniċi. Huma estremament ftit in-nisa f'karigi maniġerjali, bi 11 % biss tad-diretturi ta' studio reġjonali u 22 % ta' kapijiet ta' dipartiment ċentrali. Ma hemm xejn affattu nisa fuq il-bord eżekuttiv. Bil-kontra ta' dan, in-nisa jifformaw żewġ terzi tal-impjegati part-time.

Biex jindirizza dan, fl-2012 l-ORF introduċa pjan ta' sitt snin għall-ugwaljanza bejn is-sessi. Dan għandu l-għan li jippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-karrieri tan-nisa, li jeqred id-diskriminazzjonijiet eżistenti, li jippermetti r-rikonċiljazzjoni bejn il-familja u x-xogħol għan-nisa u l-irġiel, li jikseb sehem ta' 45 % ta' nisa f'dawk l-oqsma fejn in-nisa huma sottorappreżentati, u li jżid is-sehem tan-nisa fi professjonijiet tekniċi. L-implimentazzjoni tal-pjan hija sorveljata kull sena u diskussa mill-Kummissjoni għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, il-Kunsill għax-Xogħlijiet Ċentrali u l-impjegati kollha. Ir-riżultati inizjali huma inkoraġġanti, b'żieda fin-numru ta' nisa f'karigi mħallsa aktar minn 26.2 % għal 27.7 % bejn l-2011 u l-2012.

### Il-Bażi ta' Dejta ta' Esperti ta' KVINFO, id-Danimarka

Fl-1997 KVINFO, iċ-Ċentru Daniż għall-Informazzjoni dwar is-Sessi, l-Ugwaljanza u d-Diversità, nieda l-Bażi ta' Dejta ta' Esperti onlajn biex itejjeb il-viżibilità tan-nisa fil-midja u l-aċċess tagħhom għal karigi ta' livell għoli fl-organizzazzjonijiet tal-midja. Il-bażi ta' dejta issa telenka kważi 1 200 mara minn kull qasam tas-soċjetà, inklużi xjenzjati u riċerkaturi, nisa tan-negozju u maniġers, politiċi ġurnalisti u figuri mid-dinja tal-arti u l-kultura. Għalkemm in-nisa huma viżibbli ħafna fil-midja Daniża u għandhom rwoli prestiġjużi bħal dawk li jaqraw l-aħbarijiet, dawk li jirrappurtaw dwar il-gwerer u CEOs ta' stazzjonijiet tal-midja, ma jeżistix wisq dibattitu dwar is-suġġett. Minkejja li n-nisa Daniżi huma fost dawk l-aqwa edukati fid-dinja, 72 % tal-esperti li dehru fil-midja fl-2010 kienu rġiel.

Il-bażi ta' dejta tipprovdi lill-ġurnalisti, lil min iħaddem, lill-organizzaturi ta' konferenzi b'għodda faċli li tintuża biex ifittxu nisa esperti bi kwalifiki u kompetenzi speċifiċi f'firxa wiesgħa ta' oqsma (xjenza, negozju, politika, kultura, arti). Għaldaqstant tirrendi lin-nisa esperti viżibbli għall-ġurnalisti, u żżid il-piż u l-vuċi tan-nisa fil-midja.

**AVVANZI U OSTAKLI FIL-QASAM J: IN-NISA U L-MIDJA**

| AVVANZI | OSTAKLI |
|---|---|
| • In-nisa fl-UE huma rrappreżentati sew fil-lawrji edukattivi relatati mal-midja.<br>• In-nisa għamlu progress fid-dħul tagħhom fil-professjonijiet tal-midja.<br>• Ċerti organizzazzjonijiet tal-midja (l-aktar pubbliċi) żviluppaw mekkaniżmi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi li jappoġġaw l-impjieg tan-nisa fil-midja.<br>• In-nisa kellhom iżjed suċċess biex jilħqu l-ogħla karigi tal-organizzazzjonijiet tal-midja fl-Istati Membri tal-UE tal-Ewropa tal-Lvant u dawk Nordiċi.<br>• F'xi Stati Membri qegħdin jiġu introdotti prattiki regolatorji volontarji. | • In-nisa huma sottorappreżentati fl-ogħla pożizzjonijiet bl-akbar influwenza fuq il-kontenut editorjali.<br>• Politiki/mekkaniżmi ta' monitoraġġ dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi ma kinux jeżistu fil-korpi kollha tal-midja tal-UE fl-2012.<br>• Is-'saqaf tal-ħġieġ' fl-industrija tal-midja jista' jikkontribwixxi għal differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u s-segregazzjoni vertikali tas-sessi.<br>• Il-kejl ta' kif in-nisa u l-irġiel huma rappreżentati fil-kontenut tal-midja mhuwiex possibbli fil-preżent.<br>• Ma hemmx biżżejjed informazzjoni dwar il-pożizzjoni tan-nisa f'ċerti setturi tal-midja (eż. il-midja diġitali, ir-reklamar, il-produzzjoni tal-films u l-pubblikazzjoni). |

## It-triq 'il quddiem għall-UE

- Li timmira lejn is-'saqaf tal-ħġieġ' persistenti fl-industrija tal-midja biex issaħħaħ il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-ogħla karigi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u bħala membri tal-bordijiet.
- Li tikkumplementa miżuri volontarji adottati minn organizzazzjonijiet tal-midja b'miżuri ta' politika li jappoġġaw it-trasformazzjoni tas-settur tal-midja u l-kontenut tiegħu.
- Li tindirizza d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa u s-segregazzjoni vertikali tas-sessi billi timplimenta azzjonijiet speċifiċi.
- Li tirrikonoxxi l-konsegwenzi serji tal-isterjotipi tas-sessi li huma prodotti mill-kontenut tal-midja.
- Li tivvaluta kif in-nisa u l-irġiel huma rappreżentati fil-midja.
- Li tisfida l-isterjotipi fil-kontenut tal-midja, filwaqt li tipproteġi l-libertà tal-kelma.

### L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE)

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-Ċentru tal-UE ta' għarfien dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. EIGE jappoġġa lil kull min ifassal il-politika u lill-istituzzjonijiet rilevant kollha fl-isforzi tagħhom biex l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel issir realtà għall-Ewropej kollha u lil hinn, billi tipprovdilhom ħila speċifika u dejta kumparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

Aktar informazzjoni fuq http://eige.europa.eu

Iċ-Ċentru ta' Riżorsi u Dokumentazzjoni (RDC) tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi huwa għodda innovattiva u prattika li tgħin biex jinstabu r-riżorsi ewlenin dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi, tiffaċilita l-iskambju tal-għarfien fost dawk b'interess fil-politika u l-prattiċi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u toffri spazju onlajn għal diskussjoni u dibattitu.

Aktar informazzjoni fuq http://eige.europa.eu/content/rdc

**Informazzjoni biex tagħmel kuntatt:**
L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi
Gedimino pr. 16, LT-01103 Vilnius, LITHUANIA
Tel. +370 52157444, Tel. +370 52157400

facebook.com/eige.europa.eu
twitter.com/eurogender
youtube.com/eurogender
https://eurogender.eige.europa.eu

ISBN 978-92-9493-276-1
doi:10.2839/558979
MH-04-15-022-MT-N